Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2025/2118(INI)

24.06.2026

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

dwar l-aspetti istituzzjonali tal-Intelliġenza Artifiċjali fil-kuntest tal-integrazzjoni Ewropea
(2025/2118(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Lukas Mandl

PA_NonLeg

EMENDI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jippreżenta lill-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, dan li ġej:

Emenda 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u b'mod partikolari l-Artikoli 16, 114, 173, 179, 180 u 181 tiegħu,	– wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u b'mod partikolari l-Artikoli 16, ***26,*** 114, 173, 179, 180 u 181 tiegħu,

Emenda 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u d-Drittijiet tal-Bniedem, id-Demokrazija u l-Istat tad-Dritt, iffirmata fil-5 ta' Settembru 2024,	– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u d-Drittijiet tal-Bniedem, id-Demokrazija u l-Istat tad-Dritt, iffirmata fil-5 ta' Settembru 2024 ***(Konvenzjoni Qafas tal-KtE dwar l-IA)***,

Emenda 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 300/2008, (UE) Nru 167/2013, (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1139 u (UE) 2019/2144 u d-Direttivi 2014/90/UE, (UE) 2016/797 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar l-	– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 300/2008, (UE) Nru 167/2013, (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1139 u (UE) 2019/2144 u d-Direttivi 2014/90/UE, (UE) 2016/797 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar l-

Intelliġenza Artifiċjali)[1],	Intelliġenza Artifiċjali)[1],
[1] ĠU L, 2024/1689, 12.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1689/oj.	[1] ĠU L, 2024/1689, 12.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1689/oj.

Emenda 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 5a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tad-19 ta' Novembru 2025 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) 2024/1689 u (UE) 2018/1139 fir-rigward tas-simplifikazzjoni tal-implimentazzjoni ta' regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (Omnibus Diġitali dwar l-IA) (COM(2025)0836),

Emenda 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tad-19 ta' Novembru 2025 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/679, (UE) 2018/1724, (UE) 2018/1725, (UE) 2023/2854 u d-Direttivi 2002/58/KE, (UE) 2022/2555 u (UE) 2022/2557 fir-rigward tas-simplifikazzjoni tal-qafas leġiżlattiv diġitali, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2018/1807, (UE) 2019/1150, (UE) 2022/868, u d-Direttiva (UE) 2019/1024 (Omnibus Diġitali) (COM(2025)0837),

Emenda 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-Artikolu 2 tat-TUE ***jindirizza l-identità kostituzzjonali tal-UE*** u ***jilleġittimizza l-iskrutinju*** tal-Parlament tal-intelliġenza artifiċjali (IA) ***fejn l-użu tagħha jista' jaffettwa l-valuri*** ċentrali;	A. billi l-Artikolu 2 tat-TUE ***jistabbilixxi l-valuri komuni fundaturi li hija bbażata fuqhom l-Unjoni,*** u ***jipprovdi qafas kostituzzjonali importanti għall-iskrutinju*** tal-Parlament tal-intelliġenza artifiċjali (IA) ***abbażi ta' dawk il-valuri*** ċentrali;

Emenda 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	AA. ***billi t-Trattati u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jipprovdu l-pedament għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-UE; billi dawn il-prinċipji jiffurmaw qafas ta' gwida importanti għat-tfassil tal-politika tal-UE, inkluż fil-qasam tal-IA;***

Emenda 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi f'konformità mal-Artikoli 10, 11 u 14 tat-TUE, il-Parlament iġorr ir-responsabbiltà speċifika biex jiżgura r-responsabbiltà demokratika, it-trasparenza u l-iskrutinju effettiv tal-iżviluppi teknoloġiċi li jaffettwaw il-funzjonament tal-istituzzjonijiet tal-UE; billi l-iżvilupp u l-użu sikuri, etiċi u legali tal-IA jirrikjedu oqfsa ta' governanza robusti bbażati fuq it-Trattati tal-UE;	B. billi f'konformità mal-Artikoli 10, 11 u 14 tat-TUE, il-Parlament iġorr ir-responsabbiltà speċifika biex jiżgura r-responsabbiltà demokratika, it-trasparenza u l-iskrutinju effettiv tal-iżviluppi teknoloġiċi li jaffettwaw il-funzjonament tal-istituzzjonijiet tal-UE; billi l-iżvilupp u l-użu sikuri, etiċi u legali tal-IA jirrikjedu oqfsa ta' governanza robusti bbażati fuq ***il-leġiżlazzjoni tal-UE,*** it-Trattati tal-UE ***u l-konvenzjonijiet internazzjonali***;

Emenda 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	BA. ***billi l-approċċ istituzzjonali tal-UE għall-IA jrid jiżgura li l-oqfsa regolatorji jibqgħu proporzjonati u ma joħolqux piżijiet amministrattivi bla bżonn; billi l-istrutturi ta' governanza tal-IA tal-UE għandhom jippromwovu b'mod attiv ambjenti li jippermettu l-innovazzjoni li jgħinu lill-innovaturi Ewropej jikkompetu globalment filwaqt li jirrispettaw id-drittijiet fundamentali; billi approċċ ta' dan it-tip għall-IA huwa ta' importanza kbira mhux biss għall-kompetittività tal-UE, iżda wkoll għas-sigurtà, is-sovranità teknoloġika u l-awtonomija strateġika tagħha;***

Emenda 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali jintroduċi l-ewwel qafas regolatorju komprensiv għall-IA fid-dinja; billi l-IA qed tavvanza b'pass bla preċedent, u qed issawwar mill-ġdid l-attività ekonomika, l-amministrazzjoni pubblika u l-interazzjonijiet soċjetali;	C. billi l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali ***(l-Att dwar l-IA)*** jintroduċi l-ewwel qafas regolatorju komprensiv għall-IA fid-dinja***; billi dan jikkonsisti f'sett robust ta' regoli li jirregolaw il-forniment u l-użu tal-IA fis-suq intern, li jappoġġjaw l-innovazzjoni, u jippromwovu l-adozzjoni ta' IA ċċentrata fuq il-bniedem u affidabbli, filwaqt li jistabbilixxu standard għoli globalment***; billi l-IA qed tavvanza b'pass bla preċedent, u qed issawwar mill-ġdid l-attività ekonomika, l-amministrazzjoni pubblika u l-interazzjonijiet soċjetali;

Emenda 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	CA. ***billi l-Omnibus Diġitali dwar l-IA tintroduċi miżuri ta' simplifikazzjoni mmirati biex tiġi żgurata implimentazzjoni f'waqtha, bla xkiel u proporzjonata ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-IA; billi l-proposta separata għall-Omnibus Diġitali tħares ukoll lejn il-ħtieġa li jiġi ċċarat kif id-data personali tista' tintuża għat-taħriġ u għall-iżvilupp tal-IA; billi ż-żewġ proposti jirriflettu l-ħtieġa li l-qafas legali tal-UE jiġi adattat fid-dawl tal-avvanz rapidu tal-IA fl-UE u globalment;***

Emenda 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa CB

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	CB. ***billi l-Konvenzjoni Qafas tal-KtE dwar l-IA tressaq regoli biex tiżgura li s-sistemi tal-IA jaderixxu ma' standards etiċi stretti matul iċ-ċikli tal-ħajja tagħhom, jippromwovu t-trasparenza, il-possibbiltà li jiġu awditjati u sorveljanza effettiva, u jsaħħu s-salvagwardji biex jipproteġu d-drittijiet fundamentali, id-demokrazija u l-istat tad-dritt; billi l-Konvenzjoni Qafas, miftuħa għall-adeżjoni minn pajjiżi mhux Ewropej, tippromwovi linja bażi globali għall-governanza tal-IA li tiffoka fuq il-protezzjoni tad-drittijiet; billi, fil-livell tal-UE, il-prinċipji u l-obbligi stabbiliti fil-Konvenzjoni Qafas diġà huma implimentati minn korp ta' leġiżlazzjoni koerenti li jistabbilixxi livell ogħla u aktar dettaljat ta' protezzjoni, inkluż b'mod partikolari l-Att dwar l-IA;***

Emenda 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa CC

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	CC. ***billi t-trawwim ta' IA affidabbli u ċċentrata fuq il-bniedem huwa essenzjali għat-tisħiħ tal-kompetittività, il-kapaċità tal-innovazzjoni, is-sovranità teknoloġika u l-awtonomija strateġika tal-UE f'ambjent globali dejjem aktar kompetittiv;***

Emenda 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi l-Parlament, bħala l-istituzzjoni demokratika rappreżentattiva tal-UE, għandu rwol leġittimu fil-kontribut għal tali diskussjonijiet globali, f'konformità mal-Artikoli 10, 11 u 13 tat-TUE, u responsabbiltà li jissalvagwardja r-responsabbiltà demokratika u l-koerenza istituzzjonali fl-involviment estern tal-UE;	E. billi l-Parlament, bħala l-istituzzjoni demokratika rappreżentattiva ***eletta direttament*** tal-UE, għandu rwol leġittimu fil-kontribut għal tali diskussjonijiet globali, f'konformità mal-Artikoli 10, 11 u 13 tat-TUE, u responsabbiltà li jissalvagwardja r-responsabbiltà demokratika u l-koerenza istituzzjonali fl-involviment estern tal-UE***, filwaqt li jissalvagwardja l-kapaċità tal-kumpaniji tat-teknoloġija Ewropej li jiżviluppaw u jużaw l-IA, irrawwem l-innovazzjoni, il-kompetittività, u t-tmexxija teknoloġika tal-Ewropa, kif ukoll jipproteġi d-drittijiet fundamentali u l-ordni legali***;

Emenda 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi l-monitoraġġ tal-iżviluppi globali tal-IA ***fil-livell*** tal-UE, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Uffiċċju għall-IA tal-Kummissjoni, il-Bord Ewropew għall-Intelliġenza Artifiċjali (Bord għall-IA) u l-awtoritajiet nazzjonali	H. billi l-monitoraġġ tal-iżviluppi globali tal-IA ***fil-livelli*** tal-UE ***u tal-Istati Membri***, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Uffiċċju għall-IA tal-Kummissjoni, il-Bord Ewropew għall-Intelliġenza Artifiċjali (Bord għall-IA) u l-awtoritajiet nazzjonali

kompetenti, il-monitoraġġ tal-iżviluppi fl-Istati Membri***, iż-żamma*** ta' skambji regolari ***mal-parlamenti*** nazzjonali, u l-identifikazzjoni ta' duplikazzjonijiet u lakuni transsettorjali potenzjali fil-qafas legali tal-UE għall-IA se jkunu tal-akbar importanza; billi ***l-Osservatorju tal-IA propost mill-Parlament Ewropew għandu jkollu*** rwol ċentrali ***f'dan ir-rigward***;	kompetenti, il-monitoraġġ tal-iżviluppi fl-Istati Membri ***u ż-żamma*** ta' skambji regolari ***bejn il-Parlament Ewropew u l-parlamenti*** nazzjonali, u l-identifikazzjoni ta' duplikazzjonijiet u lakuni transsettorjali potenzjali fil-qafas legali tal-UE għall-IA ***bil-ħsieb li jittejbu l-koerenza, iċ-ċertezza legali u l-implimentazzjoni favur l-innovazzjoni madwar l-UE*** se jkunu tal-akbar importanza; billi ***l-isforzi tal-Parlament biex isaħħaħ il-kapaċità analitika u ta' governanza interna tiegħu relatata mal-IA, inkluż billi jifforma unità amministrattiva ddedikata, jistgħu jibnu fuq il-ħidma tal-Grupp ta' Ħidma tal-Att dwar l-IA u jkomplu jaqdu*** rwol ċentrali ***fil-governanza istituzzjonali tal-IA tal-Parlament fir-rigward tar-responsabbiltà u l-ispjegabbiltà tal-implikazzjonijiet tas-sistemi tal-IA użati fi ħdan l-istituzzjoni; billi dan jista' jikkontribwixxi wkoll għall-kisba ta' livell adegwat ta' litteriżmu fl-IA fost il-persunal tal-Parlament; billi din l-unità amministrattiva għandha tibni wkoll fuq l-esperjenza tal-Bord għall-Ġejjieni tax-Xjenza u t-Teknoloġija (STOA), li ġie stabbilit bħala korp permanenti fl-1988 u li għandu l-IA fost il-prijoritajiet tematiċi ewlenin tiegħu, kif ukoll is-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew (EPRS)***;

Emenda 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	HA. ***billi l-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (IMCO) tal-Parlament flimkien mal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) stabbilew Grupp ta' Ħidma konġunt IMCO-LIBE dwar l-Implimentazzjoni u l-Infurzar tal-Att dwar l-IA (Grupp ta' Ħidma dwar l-Att dwar l-IA), li jservi bħala pjattaforma għall-iskambju mal-Kummissjoni, b'mod partikolari l-Uffiċċju għall-IA tagħha, u***

	partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, dwar is-sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni tal-Att dwar l-IA u għall-monitoraġġ tal-iżviluppi tal-IA b'mod aktar wiesa';

Emenda 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi l-Osservatorju tal-IA propost mill-Parlament Ewropew jikkwalifika bħala korp tal-UE li jista' jiġi mistieden għal-laqgħat tal-Bord għall-IA, f'konformità mal-Artikolu 65(2) tal-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali;	***imħassar***

Emenda 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
J. billi l-IA tista' tappoġġja l-iskrutinju parlamentari tal-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tad-dritt tal-UE billi tnaqqas l-asimmetriji fl-informazzjoni u ttaffi d-diffikultajiet rikorrenti tal-Parlament fl-aċċess għad-data rilevanti, kif ukoll billi tikkontribwixxi għat-titjib tal-proċessi leġiżlattivi tal-UE;	J. billi l-IA***, taħt sorveljanza effettiva mill-bniedem,*** tista' tappoġġja l-iskrutinju parlamentari tal-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tad-dritt tal-UE billi tnaqqas l-asimmetriji fl-informazzjoni u ttaffi d-diffikultajiet rikorrenti tal-Parlament fl-aċċess għad-data rilevanti, kif ukoll billi tikkontribwixxi għat-titjib tal-proċessi leġiżlattivi tal-UE***, inkluż billi tirrazzjonalizzaha u tagħmilha aktar effiċjenti u reattiva***;

Emenda 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ja (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	JA. ***billi l-użu responsabbli tas-sistemi tal-IA jista' jtejjeb il-kwalità, l-***

	aċċessibbiltà u l-effiċjenza tal-proċessi leġiżlattivi u amministrattivi billi jappoġġja t-tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza, jiffaċilita l-analiżi ta' oqfsa regolatorji kumplessi u jtejjeb l-aċċess għall-informazzjoni li hija rilevanti għall-iskrutinju demokratiku;

Emenda 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa K

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
K. billi l-evoluzzjoni rapida tat-teknoloġiji tal-IA teħtieġ kapaċità analitika kontinwa sabiex jiġu vvalutati l-implikazzjonijiet istituzzjonali, demokratiċi u legali tagħhom għall-funzjonament tal-UE; billi l-Parlament għandu għalhekk isaħħaħ l-għarfien espert intern u l-kapaċitajiet ta' monitoraġġ tiegħu f'dan il-qasam;	K. billi l-evoluzzjoni rapida tat-teknoloġiji tal-IA teħtieġ kapaċità analitika kontinwa sabiex jiġu vvalutati l-implikazzjonijiet istituzzjonali, demokratiċi u legali tagħhom għall-funzjonament tal-UE; billi l-Parlament għandu għalhekk isaħħaħ l-għarfien espert intern u l-kapaċitajiet ta' monitoraġġ tiegħu f'dan il-qasam ***– inkluż permezz ta' taħriġ bir-reqqa fil-litteriżmu fl-IA – u jappoġġja l-użu infurmat, effiċjenti u responsabbli tat-teknoloġiji tal-IA***;

Emenda 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ka (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	KA. ***billi d-diverġenzi fl-interpretazzjonijiet u l-implimentazzjoni nazzjonali tal-leġiżlazzjoni tal-UE relatata mal-intelliġenza artifiċjali jissograw li joħolqu frammentazzjoni regolatorja, jikkawżaw inċertezza legali u joħolqu ostakli għall-użu transfruntier tal-IA fis-suq intern, b'mod partikolari għall-SMEs u n-negozji ġodda li joperaw f'diversi Stati Membri; billi l-IA, taħt sorveljanza xierqa mill-bniedem, tista' ssaħħaħ il-kapaċità tal-Parlament għal skrutinju effettiv u bbażat fuq l-evidenza tal-***

	implimentazzjoni u l-applikazzjoni tad-dritt tal-UE billi tnaqqas l-asimmetriji tal-informazzjoni, ittejjeb l-analiżi tal-informazzjoni rilevanti u tgħin biex jiġu indirizzati d-diffikultajiet rikorrenti fl-aċċess għad-data meħtieġa għas-sorveljanza demokratika;

Emenda 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa L

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L. billi l-użu rapidu tat-teknoloġiji tal-IA qed jittrasforma b'mod profond il-kampanji elettorali u l-komunikazzjoni politika; billi tali teknoloġiji jistgħu jinterferixxu mal-integrità tal-proċessi elettorali u jimminaw il-fiduċja fl-istituzzjonijiet demokratiċi, inkluż fil-kuntest tal-elezzjonijiet Ewropej	L. billi l-użu rapidu tat-teknoloġiji tal-IA qed jittrasforma b'mod profond il-kampanji elettorali u l-komunikazzjoni politika***, sikwit b'kost baxx ħafna***; billi tali teknoloġiji jistgħu jinterferixxu mal-integrità tal-proċessi elettorali u jimminaw il-fiduċja fl-istituzzjonijiet demokratiċi, ***speċjalment meta jiġu sfruttati minn atturi ostili,*** inkluż fil-kuntest tal-elezzjonijiet Ewropej***;***

Emenda 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ma (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	MA. ***billi l-Artikolu 77 tal-Att dwar l-IA jipprevedi rwol ewlieni għall-awtoritajiet jew il-korpi pubbliċi nazzjonali biex jissorveljaw jew jinfurzaw ir-rispett tal-obbligi skont id-dritt tal-UE li jipproteġi d-drittijiet fundamentali, inkluż id-dritt għan-nondiskriminazzjoni;***

Emenda 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. ***Jenfasizza li l-użu rapidu ta' sistemi avvanzati tal-IA ma jridx joħloq żoni griżi legali jew idgħajjef l-infurzar tal-liġijiet eżistenti; jenfasizza li l-innovazzjoni teknoloġika qatt ma tista' ssir għad-detriment tal-istat tad-dritt, is-sigurtà pubblika jew ir-responsabbiltà demokratika; jappella li l-istrutturi ta' governanza tal-IA tal-UE jinkorporaw mekkaniżmi li jippermettu konsultazzjoni strutturata mal-innovaturi Ewropej u jenfasizza li t-trawwim tal-innovazzjoni tal-IA huwa ta' importanza kbira mhux biss għat-tishiħ tal-kompetittività tal-UE iżda wkoll għas-salvagwardja tas-sigurtà, is-sovranità teknoloġika u l-awtonomija strateġika tagħha; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-Att dwar l-IA jiġi implimentat b'mod sistematiku u trasparenti;***

Emenda 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jafferma mill-ġdid li l-approċċ tal-UE għall-IA jrid ikun allinjat bis-sħiħ mal-valuri previsti fl-Artikolu 2 tat-TUE, inklużi d-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, u li l-użu tal-IA fl-istituzzjonijiet ***irid jibqa' ċċentrat fuq il-bniedem***;	2. Jafferma mill-ġdid li l-approċċ tal-UE għall-IA jrid ikun allinjat bis-sħiħ mal-valuri previsti fl-Artikolu 2 tat-TUE, inklużi d-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, u li ***l-implimentazzjoni u*** l-użu tal-IA fl-istituzzjonijiet ***iridu jibqgħu taħt sorveljanza sħiħa mill-bniedem, li jfisser li persuna fiżika jeħtiġilha tissorvelja b'mod effettiv kwalunkwe għodda tal-IA waqt li tkun qed tintuża, u b'hekk isservi biex issaħħaħ il-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet demokratiċi u fl-amministrazzjoni pubblika***;

Emenda 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jappella għal djalogu interistituzzjonali strutturat u ***regolari*** bejn il-Parlament, il-Kummissjoni u l-Kunsill dwar l-implikazzjonijiet istituzzjonali tal-IA;	4. Jappella għal djalogu interistituzzjonali strutturat***, regolari*** u ***trasparenti*** bejn il-Parlament, il-Kummissjoni u l-Kunsill dwar l-implikazzjonijiet istituzzjonali tal-IA***, inklużi skambji regolari dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-IA, il-koordinazzjoni amministrattiva, u l-impatt tas-sistemi tal-IA fuq il-koerenza tas-suq intern***;

Emenda 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jisħaq fuq l-importanza tal-parteċipazzjoni ***parlamentari*** fid-diskussjonijiet globali dwar il-governanza tal-IA ***u*** għalhekk ***jappoġġja bil-qawwa*** l-involviment tal-Parlament f'fora multilaterali bħas-summit annwali tan-NU "AI for Good"; jirrikonoxxi li billi jinvolvi ruħu globalment b'sett ċar ta' valuri u prinċipji etiċi, il-Parlament qed isaħħaħ ir-rwol demokratiku u l-kredibbiltà tiegħu, filwaqt li jirrispetta bis-sħiħ il-kompetenzi tal-Kummissjoni fil-qasam u f'konformità mal-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera, kif stipulat fl-Artikolu 13(2) tat-TUE;	6. Jisħaq fuq l-importanza tal-parteċipazzjoni ***wiesgħa mir-rappreżentanti Ewropej*** fid-diskussjonijiet globali dwar il-governanza tal-IA***; jappoġġja,*** għalhekk***,*** l-involviment tal-Parlament f'fora multilaterali bħas-summit annwali tan-NU "AI for good"; jirrikonoxxi li billi jinvolvi ruħu globalment b'sett ċar ta' valuri u prinċipji etiċi, il-Parlament qed isaħħaħ ir-rwol demokratiku u l-kredibbiltà tiegħu, filwaqt li jirrispetta bis-sħiħ il-kompetenzi tal-Kummissjoni fil-qasam u f'konformità mal-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera, kif stipulat fl-Artikolu 13(2) tat-TUE;

Emenda 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jissottolinja li, f'era ta' kompetizzjoni ġeopolitika b'saħħitha, il-parteċipazzjoni tal-Parlament f'fora	7. Jissottolinja li, f'era ta' kompetizzjoni ġeopolitika b'saħħitha, il-parteċipazzjoni tal-Parlament f'fora

internazzjonali hija essenzjali; jisħaq li l-prattiki u t-teknoloġiji tal-IA kondiviżi esternament iridu jikkonformaw ***mal-impenji tal-Parlament għat-trasparenza***, is-sostenibbiltà, ***il-protezzjoni*** tad-data u ***s-sorveljanza*** demokratika; jenfasizza, barra minn hekk, l-importanza li jiġu indirizzati r-riskji sistemiċi assoċjati mal-IA, ***inkluża l-propagazzjoni tal-hekk*** imsejħa allucinazzjonijiet, li ***jistgħu*** jimminaw il-preċiżjoni u l-affidabbiltà ***tal-informazzjoni***, kif ukoll l-impatt soċjoekonomiku potenzjali tal-IA, b'mod partikolari f'termini ta' spostament tal-impjiegi, aktar milli sempliċement issir promozzjoni tal-eċċellenza teknoloġika;	internazzjonali hija essenzjali; jisħaq li l-prattiki u t-teknoloġiji tal-IA kondiviżi esternament iridu ***jappoġġjaw l-innovazzjoni u l-kompetittività u*** jikkonformaw ***ma' standards qawwija fir-rigward tat-trasparenza***, is-sostenibbiltà, ***il-privatezza u l-protezzjoni*** tad-data ***personali,*** u ***ċ-ċibersigurtà, kif ukoll is-sorveljanza*** demokratika; jenfasizza, barra minn hekk, l-importanza li ***tiġi promossa IA affidabbli u ċċentrata fuq il-bniedem, filwaqt li*** jiġu indirizzati r-riskji sistemiċi assoċjati mal-IA, ***inkluži l-hekk*** imsejħa allucinazzjonijiet ***u riskji ta' avvelenament bl-IA jew grooming ta' mudelli lingwistiċi kbar***, li jimminaw il-preċiżjoni u l-affidabbiltà ***tal-output tagħha***, kif ukoll l-impatt soċjoekonomiku potenzjali tal-IA, b'mod partikolari f'termini ta' spostament tal-impjiegi, aktar milli sempliċement issir promozzjoni tal-eċċellenza teknoloġika;
Emenda 29	
Mozzjoni għal riżoluzzjoni **Paragrafu 7a (ġdid)**	
Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. ***Jinnota bi tħassib id-dipendenza dejjem akbar fuq sistemi tal-IA fil-fruntieri mhux Ewropej, in-nuqqas ta' aċċess ikkoordinat għal tali sistemi għall-evalwazzjoni tas-sigurtà, u d-distakk fil-kapaċità li jirriżulta fiċ-ċiberdifiża xprunata mill-IA, li jqajjem tħassib dwar id-dipendenzi strateġiċi u l-aċċess asimmetriku għall-infrastruttura kritika tal-IA; iwissi li, skont l-uffiċjali tas-sigurtà, il-mudelli avvanzati tal-IA fil-fruntieri jistgħu jadattaw l-imġiba tagħhom b'mod dinamiku, u dan ifisser li jistgħu jintużaw għall-iskoperta u l-isfruttament awtomatizzati tal-vulnerabbiltà, inaqqsu b'mod sinifikanti l-ostakli għal attakki ċibernetiċi sofistikati, jippermettu l-iskalar rapidu ta' operazzjonijiet malizzjuži u jbiddlu b'mod fundamentali l-iskala u l-veloċità tar-**

	riskji ċibernetiċi; jappella għal sorveljanza aktar b'saħħitha u preparatezza robusta, inkluż ttestjar regolari tal-istress u eżerċizzji bbażati fuq xenarji, biex jiġu miġġielda l-attakki ċibernetiċi ffaċilitati mill-IA u jiġu indirizzati d-dipendenzi strateġiċi fuq infrastruttura mhux Ewropea, servizzi tal-cloud u mudelli bażi; jenfasizza li l-UE jeħtiġilha ssegwi aġenda komprensiva ta' sovranità teknoloġika fl-iżvilupp u l-użu ta' sistemi avvanzati tal-IA;

Emenda 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jissottolinja li l-IA***, minħabba l-iskala, il-veloċità u l-impatt transfruntier tagħha***, ***tikkostitwixxi sfida globali sistemika*** u li***, bħal fil-każ ta' teknoloġiji trasformattivi preċedenti, inkluża t-teknoloġija nukleari f'nofs is-seklu 20***, ***il-governanza responsabbli tirrikjedi n-negozjar*** u ***l-istabbiliment f'waqthom ta' konvenzjoni jew trattat internazzjonali ddedikat dwar l-IA fil-livell globali***;	8. Jissottolinja li l-IA ***toħloq il-potenzjal li t-tkabbir ekonomiku jingħata spinta sinifikanti***, ***li l-produttività tittejjeb,*** u li ***l-industriji varji jiġu trasformati permezz tal-awtomatizzazzjoni tal-kompiti u t-titjib fit-teħid tad-deċiżjonijiet; jenfasizza, madankollu***, ***li minħabba l-iskala, il-veloċità tal-implimentazzjoni*** u ***l-impatt transfruntier tagħha, din tikkostitwixxi wkoll teknoloġija trasformattiva globali b'implikazzjonijiet b'firxa wiesgħa, li tirrikjedi governanza responsabbli***;

Emenda 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. ***Jieħu nota tal-Konvenzjoni*** Qafas ***tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Intelliġenza Artifiċjali***; iqis li, minħabba n-natura sistemika globali tat-teknoloġiji tal-IA, għandha ssir ***aktar riflessjoni*** dwar ***l-istabbiliment ta' qafas jew konvenzjoni multilaterali globali mmirati lejn il-***	9. ***Ifakkar il-Konvenzjoni Qafas tal-KtE dwar l-IA, li tistabbilixxi linja bażi globali għall-governanza tal-IA; jenfasizza li l-Att dwar l-IA u leġiżlazzjoni rilevanti oħra tal-UE diġà jistabbilixxu livell ogħla u aktar dettaljat ta' protezzjoni u armonizzazzjoni fis-suq***

prevenzjoni ta' riskji sistemiċi u biex ***tiġi żgurata r-responsabbiltà demokratika*** fil-livell globali;

intern; jistieden lill-pajjiżi mad-dinja kollha jissieħbu fil-Konvenzjoni Qafas ***u jippromwovu l-iżvilupp globali ta' IA ċċentrata fuq il-bniedem u affidabbli***; iqis li, minħabba n-natura sistemika globali tat-teknoloġiji tal-IA, għandha ssir ***riflessjoni regolari*** dwar ***il-promozzjoni tal-kooperazzjoni internazzjonali u governanza effettiva u abilitanti għall-innovazzjoni, filwaqt li jiġi żgurat ir-rispett għall-oqfsa legali eżistenti, jiġu evitati r-riskji*** sistemiċi u ***tissaħħaħ ir-responsabbiltà demokratika fil-livell globali; huwa tal-fehma li l-parteċipazzjoni tal-UE fil-konvenzjonijiet internazzjonali għandha sservi biex tippromwovi l-viżjoni tagħha tal-IA, l-approċċ regolatorju tagħha u l-kompetittività tagħha fil-livell globali;***

Emenda 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Ifakkar li, skont l-Artikoli 10, 13 u 14 tat-TUE, il-Parlament jeżerċita skrutinju demokratiku fuq il-funzjonament tal-UE u l-istituzzjonijiet tagħha; jisħaq li l-użu dejjem akbar tas-sistemi tal-IA fl-amministrazzjonijiet pubbliċi u fl-istituzzjonijiet tal-UE jirrikjedi li ***tissaħħaħ il-kapaċità*** analitika tal-Parlament sabiex jiġu żgurati t-trasparenza, ir-responsabbiltà demokratika u s-sorveljanza effettiva konsistenti mat-Trattati;	10. Ifakkar li, skont l-Artikoli 10, 13 u 14 tat-TUE, il-Parlament jeżerċita skrutinju demokratiku fuq il-funzjonament tal-UE u l-istituzzjonijiet tagħha; jisħaq li l-użu dejjem akbar tas-sistemi tal-IA fl-amministrazzjonijiet pubbliċi u fl-istituzzjonijiet tal-UE jirrikjedi li ***jissaħħu l-kapaċità*** analitika ***u l-litteriżmu fl-IA*** tal-Parlament sabiex jiġu żgurati t-trasparenza, ir-responsabbiltà demokratika u s-sorveljanza effettiva konsistenti mat-Trattati;

Emenda 33

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. ***Jappella għall-istabbiliment*** ta'	11. ***Jirrakkomanda t-tisħiħ tal-***

Osservatorju tal-IA tal-Parlament ***Ewropew bħala struttura analitika permanenti fi ħdan l-amministrazzjoni tal-Parlament***, li ***jopera*** bħala servizz fil-kumitati parlamentari kollha biex ***jappoġġjahom*** fi kwistjonijiet relatati mal-IA, il-governanza, il-bilanċ istituzzjonali u s-sorveljanza demokratika tagħha; ***jisħaq*** li ***l-ħolqien*** ta' ***tali kapaċità jista' jiġi organizzat fi ħdan l-istrutturi amministrattivi tal-Parlament b'mod newtrali għall-baġit, filwaqt*** li ***jibni fuq l-għarfien espert u s-servizzi eżistenti***;	***kapaċità analitika u*** ta' ***governanza interna*** tal-Parlament ***fi ħdan l-amministrazzjoni tiegħu speċifikament relatata mal-IA b'unità amministrattiva ddedikata; jenfasizza li l-unità għandha tibni fuq l-għarfien espert u s-servizzi eżistenti, inklużi dawk ipprovduti mill-EPRS u STOA, u tikkomplementahom, biex b'hekk tkun tista' tiġi organizzata b'mod newtrali għall-baġit***, ***u*** li ***hi għandha topera*** bħala servizz fil-kumitati parlamentari kollha biex ***tappoġġjahom*** fi kwistjonijiet relatati mal-IA, il-governanza, il-bilanċ istituzzjonali u s-sorveljanza demokratika tagħha***, kif ukoll issaħħaħ il-litteriżmu fl-IA u l-għarfien espert tekniku***; ***jenfasizza wkoll*** li ***l-unità għandu jkollha struttura analitika u*** ta' ***governanza ċara biex tiggwida l-prijoritajiet tagħha u tiżgura l-bini tal-kapaċità orizzontali u r-rilevanza bejn il-kumitati; jissuġġerixxi*** li ***l-unità tista' tissejjaħ l-Osservatorju tal-IA tal-Parlament Ewropew***;

Emenda 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. ***Ifakkar fil-ħidma analitika eżistenti mwettqa fil-Parlament, inkluż mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Att dwar l-IA stabbilit bl-għan li jimmonitorja u jiskrutinizza l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-Att dwar l-IA, jikkontribwixxi għall-identifikazzjoni ta' lakuni, duplikazzjonijiet u inkonsistenzi transsettorjali fil-qafas legali usa' tal-UE għall-IA, kif ukoll jimmonitorja żviluppi u sfidi ġodda relatati mal-IA;*** *(Ippożizzjonat mill-ġdid mill-paragrafu 15)*

Emenda 35

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***11b. Jenfasizza li t-tisħiħ tal-kapaċità analitika u ta' governanza interna tal-Parlament jista' jkompli jikkontribwixxi għall-monitoraġġ tal-governanza istituzzjonali tal-IA, ir-responsabbiltà u l-ispjegabbiltà u tal-implikazzjonijiet tas-sistemi tal-IA użati fl-istituzzjoni, kif ukoll jikkontribwixxi għall-kisba ta' livell adegwat ta' litteriżmu fl-IA fost il-persunal tiegħu, u jista' jappoġġja s-segwitu tal-Parlament għall-konklużjonijiet rilevanti tal-Kunsill;* *(Rilokat mill-paragrafu 16)*

Emenda 36

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jisħaq li ż-żieda fl-użu tas-sistemi tal-IA fl-amministrazzjonijiet pubbliċi, inklużi l-istituzzjonijiet tal-UE, tqajjem ***kwistjonijiet*** importanti relatati mat-trasparenza, ir-responsabbiltà u l-proċess dovut amministrattiv; jenfasizza li l-Parlament għandu jżomm kapaċità analitika interna suffiċjenti biex jivvaluta tali żviluppi b'mod indipendenti sabiex jissalvagwardja l-prerogattivi istituzzjonali u l-funzjonijiet ta' sorveljanza tiegħu u jibni l-memorja istituzzjonali tiegħu stess f'dan il-qasam;	12. Jisħaq li ż-żieda fl-użu tas-sistemi tal-IA fl-amministrazzjonijiet pubbliċi, inklużi l-istituzzjonijiet tal-UE, ***iżżid l-effiċjenza tal-proċessi interni iżda barra minn hekk*** tqajjem ***mistoqsijiet*** importanti relatati mat-trasparenza, ir-responsabbiltà***, is-sigurtà tas-sistemi*** u l-proċess dovut amministrattiv; jenfasizza li l-Parlament għandu jżomm kapaċità analitika interna suffiċjenti biex jivvaluta tali ***użi u*** żviluppi ***relatati*** b'mod indipendenti sabiex jissalvagwardja l-prerogattivi istituzzjonali u l-funzjonijiet ta' sorveljanza tiegħu u jibni l-memorja istituzzjonali tiegħu stess f'dan il-qasam***, bl-użu tas-servizzi parlamentari u l-għarfien espert eżistenti fejn ikun possibbli, kif ukoll biex iżomm kontroll sħiħ fuq iċ-ċibersigurtà tiegħu u s-sigurtà tal-infrastrutturi u s-sistemi kollha; jisħaq li dan l-isforz għandu jiġi kkomplementat minn programmi ta' taħriġ rigoruż dwar il-litteriżmu fl-IA; jappella, barra minn hekk, għal**

valutazzjonijiet regolari tal-impatt tal-implimentazzjoni tal-IA fuq id-drittijiet fundamentali u l-privatezza;

Emenda 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. ***Jenfasizza l-potenzjal tal-IA li ssaħħaħ il-kapaċitajiet ta' skrutinju u sorveljanza tal-Parlament billi tiffaċilita l-aċċess għal informazzjoni rilevanti, ittejjeb l-analiżi ta' żviluppi leġiżlattivi u regolatorji kumplessi, u tappoġġja l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u l-infurzar tad-dritt tal-UE; jissottolinja li l-użu responsabbli tal-IA jista' jikkontribwixxi biex jitnaqqsu l-asimmetriji tal-informazzjoni, tissaħħaħ il-koerenza leġiżlattiva u jittejbu l-kwalità, l-effiċjenza u l-prevedibbiltà tal-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE, filwaqt li jiġu rrispettati bis-sħiħ ir-responsabbiltà demokratika, it-trasparenza u s-sorveljanza sinifikattiva mill-bniedem;***

Emenda 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jappella għall-użu ta' għodod tal-IA biex jiġu appoġġjati l-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE li diġà ġiet adottata, ***b'mod partikolari billi jiġu identifikati*** atti legali nazzjonali u reġjonali li jirrikjedu emenda u billi jiġu identifikati inkonsistenzi, duplikazzjonijiet jew riskji potenzjali ta' frammentazzjoni legali, u b'hekk tissaħħaħ il-koerenza legali fil-livelli kollha ta' governanza, ***jiġu indirizzati l-lakuni*** fl-implimentazzjoni fl-Istati Membri u jittejbu l-effettività u l-	13. Jappella għall-użu ta' għodod tal-IA biex jiġu appoġġjati l-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE li diġà ġiet adottata, ***billi tiġi megħjuna l-identifikazzjoni ta'*** atti legali nazzjonali u reġjonali li jirrikjedu emenda u billi jiġu identifikati inkonsistenzi, duplikazzjonijiet jew riskji potenzjali ta' frammentazzjoni legali, u b'hekk tissaħħaħ il-koerenza legali ***u jitnaqqsu l-kostijiet*** fil-livelli kollha ta' governanza, ***tiġi megħjuna l-identifikazzjoni tal-lakuni*** fl-

prevedibbiltà tad-dritt tal-UE; jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza ta' ***approċċ iċċentrat fuq il-bniedem*** meta jintużaw tali għodod;	implimentazzjoni fl-Istati Membri u jittejbu l-effettività u l-prevedibbiltà tad-dritt tal-UE; ***jissottolinja li l-għodod tal-IA jistgħu anke jappoġġjaw it-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza, l-isforzi ta' simplifikazzjoni u l-evalwazzjoni ex post tal-leġiżlazzjoni tal-UE, inkluż billi jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi sproporzjonati li jolqtu liċ-ċittadini, lin-negozji u lill-amministrazzjonijiet pubbliċi;*** jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza ta' ***sorveljanza qawwija mill-bniedem*** meta jintużaw tali għodod; ***jenfasizza li s-sistemi tal-IA qatt ma għandhom jissostitwixxu r-responsabbiltà politika jew ir-responsabbiltà demokratika tal-bnedmin;***

Emenda 39

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. ***Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw implimentazzjoni uniformi, proporzjonata u koerenti tal-qafas tal-IA tal-UE b'mod li jappoġġja l-innovazzjoni u l-kompetittività filwaqt li jirrispetta bis-shiħ id-drittijiet fundamentali kif ukoll id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur, u jevita piżijiet amministrattivi bla bżonn, obbligi ta' rapportar iddupplikati u miżuri ta' regolamentazzjoni żejda nazzjonali li jistgħu jifframmentaw is-suq intern u jfixklu l-espansjoni ta' soluzzjonijiet affidabbli Ewropej tal-IA;***

Emenda 40

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

14. Jappella għal analiżi ta' duplikazzjonijiet, lakuni u inkonsistenzi bejn il-bosta strumenti leġiżlattivi u ta' politika relatati mal-IA u l-implimentazzjoni tagħhom, sabiex titnaqqas il-frammentazzjoni u tiġi żgurata applikazzjoni koerenti fl-oqsma settorjali kollha, inkluża implimentazzjoni istituzzjonali koerenti;	14. Jappella għal analiżi ta' duplikazzjonijiet, lakuni u inkonsistenzi bejn il-bosta strumenti leġiżlattivi u ta' politika relatati mal-IA u l-implimentazzjoni tagħhom, sabiex titnaqqas il-frammentazzjoni u ***jiġu evitati pożijiet eċċessivi, filwaqt li*** tiġi żgurata applikazzjoni koerenti fl-oqsma settorjali kollha, inkluża implimentazzjoni istituzzjonali koerenti;

Emenda 41

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jisħaq li l-ħidma analitika mwettqa fi ħdan il-Parlament, inkluż mill-Osservatorju tal-IA propost tal-Parlament Ewropew, tista' tikkontribwixxi għall-identifikazzjoni ta' lakuni, duplikazzjonijiet u inkonsistenzi transsettorjali fil-qafas legali usa' tal-UE għall-IA;	***imħassar***
	(Rilokat għall-paragrafu 11a)

Emenda 42

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jisħaq li l-Osservatorju tal-IA tal-Parlament Ewropew jista' jikkontribwixxi għall-monitoraġġ tal-governanza istituzzjonali tal-IA, ir-reponsabbiltà u l-ispjegabbiltà u tal-implikazzjonijiet tas-sistemi tal-IA użati fi ħdan l-istituzzjoni, u jista' jappoġġja s-segwitu tal-Parlament għall-konklużjonijiet rilevanti tal-Kunsill;	***imħassar***
	(Rilokat fil-paragrafu 11b)

Emenda 43

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jistieden lill-President tal-Bord għall-IA jistieden lill-Osservatorju tal-IA tal-Parlament Ewropew, ladarba jiġi stabbilit, għal-laqgħat tal-bord biex jiġu żgurati l-iskrutinju parlamentari u l-koerenza interistituzzjonali fil-politika tal-UE dwar l-IA;	***imħassar***

Emenda 44

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jissottolinja li kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-governanza tal-IA bejn il-Parlament, il-parlamenti nazzjonali u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, f'konformità mal-Artikolu 70 tal-Att dwar ***l-Intelliġenza Artifiċjali***, hija essenzjali sabiex tiġi skambjata l-aħjar prattika, tittejjeb il-koerenza leġiżlattiva u jiġi appoġġjat l-iskrutinju parlamentari tal-użu tal-IA madwar l-UE;	18. Jissottolinja li kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-governanza tal-IA bejn il-Parlament ***Ewropew***, il-parlamenti nazzjonali u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, ***stabbilita*** f'konformità mal-Artikolu 70 tal-Att dwar ***l-IA***, hija essenzjali sabiex tiġi skambjata l-aħjar prattika, tittejjeb il-koerenza leġiżlattiva***, jingħata kontribut għall-identifikazzjoni u l-eliminazzjoni ta' duplikazzjonijiet u burokrazija bla bżonn,*** u jiġi appoġġjat l-iskrutinju parlamentari tal-użu tal-IA madwar l-UE;

Emenda 45

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jappella għal valutazzjoni parlamentari sistematika tar-riskji relatati mal-IA għall-proċessi demokratiċi, ***inkluża*** l-integrità elettorali, u li ***l-Osservatorju tal-IA tal-Parlament Ewropew jappoġġja l-monitoraġġ tal-elezzjonijiet u tal-partiti politiċi Ewropej***, meta jitqies li ***l-IA*** qed	19. Jappella għal valutazzjoni parlamentari sistematika tar-riskji relatati mal-IA għall-proċessi demokratiċi, ***inklużi*** l-integrità elettorali***, il-libertajiet fundamentali u d-dritt għall-privatezza***, u ***għal appoġġ parlamentari għall-analiżi tal-iżviluppi rilevanti tal-IA*** li ***jolqtu l-***

issawwar dejjem aktar il-komunikazzjoni politika, il-proċessi elettorali, id-diskors pubbliku u t-teħid ta' deċiżjonijiet;	***proċessi demokratiċi, inkluż l-użu tal-IA fil-komunikazzjoni politika u fid-diskors pubbliku***, meta jitqies li ***l-applikazzjonijiet li jaħdmu bl-IA*** qed ***isawru*** dejjem aktar il-komunikazzjoni politika, il-proċessi elettorali, id-diskors pubbliku u t-teħid ta' deċiżjonijiet***, inkluż permezz ta' deepfakes, media sintetika u kampanji kkoordinati ta' diżinformazzjoni; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu infurzati l-obbligi ta' trasparenza tal-Att dwar l-IA fir-rigward tal-kontenut iġġenerat mill-IA f'dan ir-rigward; jirrikonoxxi li l-IA tista' ttejjeb ukoll il-parteċipazzjoni demokratika, ittejjeb l-aċċess għall-informazzjoni, u ssaħħaħ it-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza, filwaqt li jissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-użu tagħha jibqa' trasparenti, responsabbli u konsistenti mad-dritt tal-UE***;

Emenda 46

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jenfasizza li l-evoluzzjoni rapida tax-xenarju ta' governanza tal-UE, b'mod partikolari b'reazzjoni għat-trasformazzjoni diġitali, l-IA u l-oqfsa regolatorji dejjem aktar kumplessi, qed tittestja progressivament l-adegwatezza tad-dispożizzjonijiet eżistenti tat-Trattat li jirregolaw il-kompetenzi istituzzjonali, ir-responsabbiltà demokratika u l-iskrutinju parlamentari;	21. Jenfasizza li l-evoluzzjoni rapida tax-xenarju ta' governanza tal-UE, b'mod partikolari b'reazzjoni għat-trasformazzjoni diġitali, l-IA u l-oqfsa regolatorji dejjem aktar kumplessi, qed tittestja progressivament l-adegwatezza tad-dispożizzjonijiet eżistenti tat-Trattat li jirregolaw il-kompetenzi istituzzjonali, ir-responsabbiltà demokratika u l-iskrutinju parlamentari***, filwaqt li jenfasizza wkoll il-ħtieġa li tiġi żgurata t-trasparenza u titnaqqas il-kumplessità regolatorja***;

Emenda 47

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

21a. ***Jenfasizza li fuq terminu qasir sa medju, il-progress rapidu fl-iżvilupp tal-IA huwa rifless fil-livell regolatorju mill-Att dwar l-IA li għadu kif ġie adottat, li għad irid isir applikabbli bis-sħiħ u l-impatt tiegħu għad irid jiġi osservat bis-sħiħ; jenfasizza li l-aħħar avvanzi fl-IA qed jiġu indirizzati wkoll permezz tal-Omnibus Diġitali dwar l-IA, b'reazzjoni għall-ħtieġa tas-simplifikazzjoni u l-kjarifika ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-IA permezz ta' għadd ta' miżuri mmirati biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni f'waqtha, bla xkiel u proporzjonata tiegħu; jenfasizza l-fatt li l-l-Omnibus Diġitali dwar l-IA jirrifletti l-ħtieġa ta' adattament għall-pass mgħaġġel tal-iżvilupp tal-IA u li jiġi żgurat li l-qafas legali tal-UE jrawwem ambjent effiċjenti u kompetittiv għall-organizzazzjonijiet li joperaw fl-UE; ifakkar fil-proposta separata għall-Omnibus Diġitali, li tiċċara aktar kif id-data personali tista' tintuża għat-taħriġ u għall-iżvilupp tal-IA; jissottolinja, f'dan il-kuntest, il-ħtieġa li jiġi implimentat u infurzat l-Att dwar l-IA u l-bqija tal-qafas leġiżlattiv diġitali tal-UE, u fejn ikun meħtieġ, li dan jiġi aġġornat fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi, filwaqt li jiġu evitati piżijiet amministrattivi bla bżonn, obbligi ta' rapportar iddupplikati u miżuri ta' regolamentazzjoni żejda nazzjonali li jistgħu jifframmentaw is-suq intern u jfixklu l-espansjoni ta' soluzzjonijiet affidabbli Ewropej tal-IA; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' approċċ trasparenti f'dan ir-rigward;***

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur jiddikjara li fir-rapport tiegħu inkluda kontribut dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett tal-fajl li rċieva, għat-tħejjija tal-abbozz ta' rapport, mingħand ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1] li ġejjin, jew mingħand ir-rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li ġejjin:

1. Rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza
Pour Demain Europe TI 172933491707-16

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn, ir-rapporteur jiddikjara li ppreżenta lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	24.6.2026		
Riżultat tal-votazzjoni finali	+	:	66
	-	:	0
	0	:	4

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

66	+
ECR	Alessandro Ciriani, Geadis Geadi, Paolo Inselvini, Assita Kanko, Georgiana Teodorescu, Maciej Wasik
NI	Erik Kalinák
PPE	Georgios Aftias, Krzysztof Brejza, Caterina Chinnici, Paulo Cunha, Lena Düpont, Loucas Fourlas, Ondrej Kolár, Marie-Sophie Lanig, Jeroen Lenaers, Verena Mertens, Ana Miguel Pedro, Emil Radev, Karlo Ressler, Bartlomiej Sienkiewicz, Tomas Tobé, Loránt Vincze, Isabel Wiseler-Lima, Javier Zarzalejos, Tomás Zdechovský
PfE	Jaroslav Bzoch, Mélanie Disdier, Marieke Ehlers, Catherine Griset, András László, Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Tom Vandendriessche
Renew	Malik Azmani, Veronika Cifrová Ostrihonová, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Fabienne Keller, Moritz Körner, Michael McNamara, Marjan Sarec, Hilde Vautmans, Lucia Yar
S&D	Vytenis Povilas Andriukaitis, Francisco Assis, Katarina Barley, Hannes Heide, Alicia Homs Ginel, Evin Incir, Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Birgit Sippel, Krzysztof Smiszek, Cecilia Strada, Kristian Vigenin, Alessandro Zan
The Left	Giuseppe Antoci, Pernando Barrena Arza, Gaetano Pedulla', Ilaria Salis
Verts/ALE	Jaume Asens Llodrà, Saskia Bricmont, Mélissa Camara, Markéta Gregorová, Leoluca Orlando, Tineke Strik

0	-

4	0
ESN	Alexander Sell, Milan Uhrík, Roberto Vannacci
PfE	Jorge Buxadé Villalba

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni